MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Numru 354/1999

Il-Pulizija
(Spettur Simon Galea)
vs
Kevin Borg

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Kevin Borg, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 70465 (M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fl-1 ta' Marzu, 1999 ghall-habta tal-5.30 p.m. waqt li kien fi Triq Dun Mauro Inguanez B'Kara volontarjament kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli billi ghamel hsara fuq vettura b'numru ta' registrazzjoni DAA 321 Metro proprjeta ta' Josephine Borg minn B'Kara; liema hsara tammonta ghal LM 115;

Fuq ammissjoni;

Il-Qorti wissietu bil-konsegwenzi kollha skond il-Ligi ta’ din l-ammissjoni u tatu zmien xieraq sabiex jahsibha, izda wara li regghet issejjhet il-kawza l-imputat iddikjara li ried jirregistra ammissjoni;

Ghalhekk wara li l-Qorti rat l-Artikoli 338 (dd), 325 (1) (b), 17, 31, 370, 390, 392 u 392 A, 28 A u 28 H tal-Kap. 9;

Il-Qorti taqta u tiddeciedi illi l-imputat huwa hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena l-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputat ikkopera mieghu matul l-investigazzjoni, kif ukoll il-fatt illi l-imputat huwa dispost illi jaghmel tajjeb ghall-hsarat illi ghamel;

Ghaldaqstant il-Qorti tikkundannah ghal prigunerija ta’ sena sospiza ghal sentejn millum;

Il-Qorti qeghda ukoll tobbliga lill-hati sabiex fi zmien sitt xhur mil-lum jirrestitwixxi lil martu Josephine Borg is-somma ta’ LM 115.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabbilta tieghu taht l-Artikolu 28 B u 28 H tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------